MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 59/2009

HSBC Bank Malta plc

vs

Valentino Cassar u Roberta Cassar.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-bank attur fejn, wara li ppremetta illi:

1. Illi l-esponenti ppresta faċilitajiet bankarji lill-konvenuti konjuġi taħt l-iskema ta’ Flexicredit, fuq il-kont numru 071-161020-300;

2. Illi fuq din il-faċilita’, il-konvenuti għandhom iħallsu lill-bank ammont ta’ tlettax-il elf mitejn u disgħa u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€ 13,279.20c) in linja ta’ kapital flimkien ma’ elf mija u sebgħa u erbgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€ 1,147.91) interessi sal-

għoxrin (20 ta’ April elfejn u disgħa (2009) – salvi interessi ulterjuri wara dik id-data;

3. Illi inoltre l-bank kien ippresta faċilitajiet fuq Visa credit card bin-numru 4568 8250 1030 1881 u l-ammont dovut fuq dik il-faċilita’ imbagħad ġew ri-skedati bħala ‘*Rescheduled Loan Account’* bin-numru 071-161020-340;

4. Illi l-Visa credit card inħarġet lil Valentino Cassar, imma matul iż-żwieġ tiegħu ma’ Roberta Cassar u għal espedjenza tal-ġudizzju din it-talba qegħda tiġi inkluża f’din il-kawża;

5. Illi fuq din il-faċilita’ il-konvenuti għandhom iħallsu lill-bank l-ammont ta’ tlett mija u tlieta u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€ 363,70c) in linja ta’ capital, u wieħed u tletin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€31,44) interessi sal-għoxrin (20) ta’ April elfejn u disgħa (2009)-salvi interessi ulterjuri wara dik id-data;

6. Illi minkejja illi ġew mitluba jirrifondu dawn l-ammonti, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom għandkom tħallsu lill-bank attur, fi kwota ta’ nofs kull wieħed u waħda, iżda fir-relazzjonijiet tagħkom mal-bank solidalment bejnietkom, l-ammonti hawn fuq indikati u ċjoe’; tlettax-il elf mitejn u disgħa u sebghin euro u għoxrin ċenteżmu (€ 13,279,20) in linja ta’ capital flimkien ma’ elf mija u sebgħa u erbgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€ 1,147.91) interessi sal-għoxrin (20) ta’ April elfejn u disgħa (2009) – salvi interessi ulterjuri wara dik id-data fuq il-kont numru 071-161020-300; u tlett mija u tlieta u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (€ 363,70c) in linja ta’ capital, u wieħed u tletin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 31,44c) interessi sal-għoxrin (20) ta’ April elfejn u disgħa (2009) – salvi interessi ulterjuri wara dik id-data fuq il-kont numru 071-161020-349;

2. Tikkundannakom tħallsu lill-bank attur is-somma globali ta’ erbatax-il elf tmien mija u tnejn u għoxrin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€ 14,822,25c) bl-interessi fuq din is-somma b’effett mill-21 ta’ April 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni u sekwestru kawtelatorju preżentati kontra tagħkom kontestwalment; u tal-ittra uffiċjali tas-26 ta’ Marzu 2008 preżentata fit-termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuta Roberta Cassar li ġiet notifikata b'dan ir-Rikors ġuramentat fl-10 ta' Awwissu 2009, u dik tal-konvenut Valentino Cassar li ġie notifikat bl-istess Rikors ġuramentat fid-19 ta' Awwissu 2009.

Innotat illi l-istess konvenuti għażlu li jibqgħu kontumaċi.

Rat in-nota tal-konvenuta Roberta Cassar tat-2 ta' Settembru 2009 li biha ammettiet it-talbiet.

Rat in-nota tal-konvenut Valentino Cassar tad-9 ta' Novembru 2009 li biha ammetta wkoll it-talbiet kif miġjuba kontra tiegħu permezz ta' dan ir-Rikors ġuramentat.

Rat il-verbal tagħha tat-2 ta' Diċembru 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-bank attur qed jirreklama mingħand il-konvenut il-bilanċ dovut lilha fuq diversi faċilitajiet bankarji li kienet tagħthom, u dana kif imfisser fir-Rikors ġuramentat. Għal dawn il-faċilitajiet intrabtu li jagħmlu tajjeb il-konvenuti solidament bejniethom.

Il-konvenuta Roberta Cassar ammettiet it-talbiet qabel id-data li għaliha kienet ġiet appuntata għas-smiegħ il-kawża, filwaqt illi l-konvenut l-ieħor Valentino Cassar ammetta wara.

In vista ta' dawn l-ammissjonijiet m'għandu jkun hemm ebda raġuni għaliex din il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talbiet kif magħmula, b'dan pero' li għandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż minħabba dawn l-ammissjonijiet.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

(i) tiddikjara illi l-konvenuti għandhom iħallsu lill-bank attur, fi kwota ta' nofs kull wieħed u waħda, iżda fir-relazzjonijiet tagħhom mal-bank solidament bejniethom, l-ammont ta' tlettax il-elf mitejn u disgħa u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (EUR 13,279.20) in linja ta' kapital flimkien ma' elf mija u sebgħa u erbgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (EUR 1,147.91) interessi sal-għoxrin (20) ta April elfejn u disgħa (2009) - salvi interessi ulterjuri wara dik id-data fuq il-kont numru 071-161020-300; u tlett mija u tlieta u sittin euro u sebgħin ċenteżmu (EUR 363.70) in linja ta' kapital, u wieħed u tletin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Eur 31.44) interessi sal-għoxrin (20) ta' April elfejn u disgħa (2009) - salvi interessi ulterjuri wara dik id-data fuq il-kont numru 071-161020-349; u

(ii) tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-bank attur is-somma globali ta' erbatax-il elf tmien mija u tnejn u għoxrin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (EUR 14,822.25) bl-interessi fuq din is-somma b'effett mill-21 ta' April 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, b'dan illi minħabba l-ammissjonijiet rispettivi fi stadji differenti tal-kawża, sehem il-konvenuta Roberta Cassar minn dawn l-ispejjeż, ikkalkolati fuq in-nofs indiviż tas-sorte, għandu jitnaqqas b'ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) fir-rigward tad-drittijiet tar-Reġistru minħabba l-ammissjoni qabel l-ewwel smiegħ

tal-kawża, u dana a tenur tal-paragrafu 5(1) tat-tariffa A tal-Kap. 12, u fir-rigward tad-dritt ta' l-avukat nofs dak stabilit fil-paragrafu 13 tat-Tariffa E, a tenur tal-paragrafu 29 ta' l-istess tariffa; u sehem il-konvenut Valentino Cassar, ikkalkolat fuq in-nofs indiviż l-ieħor tas-sorte, minħabba l-ammissjoni tiegħu wara l-ewwel smiegħ tal-kawża imma mhux aktar tard mit-tielet seduta, b'ħamsin fil-mija (50%) fir-rigward tad-dritt tar-Reġistru skond il-paragrufu 5(1) tat-Tariffa A, u żewġ terzi (2/3) ta' dak stabilit fil-paragrafu 13 tat-Tariffa E, a tenur tal-paragrafu 30 ta' l-istess tariffa, għad-dritt ta' l-avukat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------